KING GEORGE V. B. CLUB
MQABBA - 1910



# REGINA IN COELUM ASSUMPTA

# OXFORD PHOTO STUDIO
## 7, PAOLA SQUARE, PAOLA.



**Specializing in:**
**Photos taken during: WEDDINGS, ENGAGEMENTS, PARTIES, STUDIO WORK and ALL OTHER OCCASIONS.**

Professional Video Filming for all occasions under the name of:

**TELE MOVIE VIDEO SERVICES.**

Transfers of Cine Film into Video.

**Stockist of:**
Hi-fi, Video Recorders, Monitors, Video Leads, Radio Cassettes, Albums, Frames, Cassettes, Car Radio Cassettes, Computers, Software Games, Cameras, Flashguns, Video lights, Tripods, Calculators, Films and all types of Accessories.

**VIDEOS:**
Fisher, Normende, SABA, National, Philips, Gratez, Marantz, etc.

**COMPUTERS:**
Commodore, Spectrum, ATARI.

**MONITORS:**
Commodore, Gratez, Balco, Hantearex, Philips.
Sizes 14″, 20″, 26″, 28″.
Instant Pictures taken for Passports.

No Connection with other FIRMS.

# KING GEORGE V BAND CLUB
# MQABBA

**KUMITAT 1987**

**PRESIDENT ONORARJU**
Leonard Farrugia

**PRESIDENT**
Joe Farrugia

**VIĊI PRESIDENT**
Peter Psaila

**SEGRETARJU**
Reno Sciberras

**ASST. SEGRETARJU**
David Camilleri

**KAXXIER**
Carmel Briffa

**ASST. KAXXIER**
Carmel Zahra

**MEMBRI**
Nicholas Cassar
Carmel Ellul
Paul Gauci
John Galea
Mario Ghigo

**DIRETTUR SPIRITWALI**
Patri Joseph Ghigo S.J.

**SURMAST DIRETTUR TAL-BANDA**
Mro. George Martin A. Mus. L.C.M. O.S.T.J.

**ASST. DIRETTUR TAL-BANDA**
Twanny Camilleri

**DELEGAT TAL-BANDA**
John Galea
Twanny Camilleri

**RAPPREŻENTANT FIL-BAND CLUB'S ASS.**
Carmel Briffa

**DELEGATI TAN-NAR**
Reno Sciberras
Nicholas Cassar

# FGP for all your requirements in FIBREGLASS & SHEET METAL WORK

*We manufacture and install*

- **Galvanized doors and shutters for garages and shops**

  • Round-the-corner garage doors • Up-and-over garage doors • Garage doors on hinges • Roller shutters for shops • Collapsible shutters for shops

- **Fibreglass water tanks which cannot corrode, are easy to install and are elegant in outlook**

- **Fibreglass boats**

We also manufacture office furniture, air-conditioning ducting, steel closed lockers, canopies, partitions and skylights.

## FGP Limited

49 Valletta Road Luqa Tel 233165/6

● Specialists in fibreglass, sheet metal jobbing and light engineering






# BLOKRETE LTD.

MOSTA ROAD, LIJA, MALTA.

FOR WALLING AND ROOFING

AND PAVING





IN PRECAST AND PRESTRESSED CONCRETE

DIAL: 441850/445461
TELEX: FENEK 978 MW.



# IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

Fil-persuna tal-Papa Ġwanni Pawlu II nsibu devozzjoni speċjali u qawwija lejn il-Madonna, tant li ddikjara din is-sena, Sena Marjana – mill-Pentekoste 1987 sa l-Assunzjoni 1988 – is-sena tal-Madonna.

Il-Papa għamel dan għaliex bħal ħafna nies oħra 'bil-għaqal', jinsab imħasseb ħafna dwar il-futur ta' l-umanità, li fi żmien tlettax-il sena oħra taqleb lejn seklu ieħor, xejn ċar.

Huwa qiegħed id-destin ta' l-umanità f'idejn nies ta' rieda tajba u fl-Imħabba tal-Madonna.

Il-Papa jaf li omm tħobb lil uliedha aktar milli wliedha jħobbu lilha, għax il-qalb ta' l-Omm tħoss aktar minn qalb l-ulied.

F'din il-verità, l-Imħabba ta' Marija lejna, mhix imħabba astratta, imma mħabba reali u konkreta bħal tal-ġenituri lejn uliedhom. Imma biex tħoss l-imħabba tal-Madonna għalik, hekk fil-qrib, trid inti wkoll ikollok imħabba kbira għaliHa u bil-Fidi li minghajrha ma tistax tħossHa fejnek u miegħek.

Fi kliem ieħor, jinħtieġ li kull wieħed u waħda minna jitqanqal għall-għaqda vera u sinċiera mal-Madonna. Huwa biss b'dan il-mezz - Imħabba mqanqla lejn Marija - li aħna nistgħu neħilsu verament minn atmosfera 'konfuża' fejn jidhrilna li ninsabu mexjin sewwa meta b'festa lil din l-Omm nifhmu u nemmnu b'dak kollu materjali u pikus u kważi xejn b'dak spiritwali u li jgħaqqadna.

Jiena, minn qalbi nixtieq festa mill-isbaħ lil kulħadd, iżda ma din ix-xewqa nżid appell ferm dinjituż għalina l-Imqabbin li ngħixu f'Parroċċa totalment dedikata lil Madonna: ħallu 'l qalbkom tfur bl-imħabba għal Marija u waħedha titwarrab il-firda; ħollu lsienkom bit-tifħir lejHa u fix-xejn jispiċċa d-dagħa kontriHa; ħudu sehem fil-funzjonijiet tal-Knisja, ersqu lejn is-Sagrament tal-Qrar u t-Tqarbin... u b'hekk tikber tabilħaqq il-festa kif nixtequha aħna... KIF tixtieqha MARIJA.

**Fr. Willie Vella**
**Kappillan**


# TOWER SELF SERVICE
# (TA' L-GĦOLI)

**Valletta Road Mqabba**

FILWAQT LI NIXTIEQU L-FESTA T-TAJBA LILL-KLIJENTI KOLLHA

**NAVŻAW LI MA' KULL Lm1.00 LI TONFQU, TINGĦATAW 2 PUNTI LI JINBIDLU MA' RIGALI SBIEĦ.**

# PANDA
## GIFT-SHOP
### Triq Karmenu Ciantar — Mqabba

Fejn issibu:

**Għażla ta' Għamara** bħal corners, sidetables, mirja, trolleys, inkwadri ta' kull għamla u daqs u affarijiet utili oħra.
**Issibu wkoll** linef; silver plated jew silver; ċeramika fina; figurini; affarijiet tal-kristall u oġġetti tal-kċina u ħafna affarijiet għad-dar.

**Għalhekk għaliex le? Aslu wasla sal-**

## PANDA GIFT-SHOP

f'dawn il-ġranet tal-Festa biex tkunu tistgħu ssebbħu d-djar tagħkom.





# FARELL
BATHROOM CENTRE
Electrical & Plumbing

Blue Grotto Ave., Żurrieq
Telephone: 822396



# IL-KELMA TAL-PRESIDENT

Għeżież Partitarji,

M'hemmx dubju illi s-sodisfazzjon esperjenzat minn kull wieħed u waħda minna, matul u wara l-festi kbar li għaddew, kien xi ħaġa unika u ta' nkoraġġiment għall-ġejjieni. Biex torganizza sa l-anqas mument festa fuq medda ta' tliet ġimgħat kien jinvolvi ħafna ħsieb, ftehim, xogħol, determinazzjoni, u fuq kollox flus minn kulħadd; ta' dan kollu f'isem il-Kumitat nixtieq nirringrazzjakom.

Biss, ma rridux nieqfu hawn, irridu nkomplu sabiex dak il-wirt għażiż li ħallewlna missirijietna ngħadduh b'aktar ħeġġa, qima u mħabba lil uliedna u wlied uliedna. X'irrid infisser b'dan? Wieħed irid jammetti illi aħna Soċjetà żgħira u għaldaqstant dejjem jinħass il-bżonn ta' aktar persuni b'ideat friski, li jistgħu jagħtu daqqa t'id lill-Kumitat matul is-sena kollha. Il-frott ta' Kumitat ħabrieki li kif inħobb insejjaħlu jien, jaħdem fuq bażi ta' 'full-time' is-sena kollha, kulħadd seta' jarah u jmissu b'idejh matul l-aħħar snin.

Dan kien l-ewwel fażi tal-pjan imħejji apposta sabiex insaħħu dejjem aktar is-Soċjetà tagħna u awtomatikament l-organizzazzjoni tal-festa. Jonqos issa t-tieni fażi, l-aktar waħda kruċjali għaliex tinvolvi lil kull wieħed u waħda minna. Irridu aktar parteċipazzjoni, impenn komuni, u għajnuna minn kulħadd li jistgħu jiggarantixxu demm ġdid għall-Kumitati tal-ġejjieni. Permess tal-Kumitati, tagħna u tan-nisa, u bl-għajnuna barranija ta' wħud mill-membri, konna kapaċi nġibu daqstant 'il quddiem dak li żergħu missirijietna: mela kemm nistgħu nagħmlu aktar progress jekk ikollna dak l-impenn komuni u ħabbrieki ta' kull wieħed u waħda minna? Tgħiduli "imma mitt bniedem, mitt fehma", iżda l-fatt jibqa' illi l-ideal huwa dejjem waħdieni, sabiex kulħadd ikun qed jiġbed ħabel wieħed.

Din it-transizzjoni lejn aktar parteċipazzjoni mill-membri fis-Soċjetà tagħna, inħoss li hija imperattiva, minħabba l-iżvilupp kontinwu tas-Soċjetà li wara kollox minna lkoll nagħmlu parti, dik umana. Mela nkomplu nsaħħu lis-Soċjetà u b'impenn komuni dak li rnexxielna b'tant sagrifiċċju nibnu tul il-milja taż-żminijiet ħalli jekk veru l-passat huwa mera tal-futur, is-suċċess m'għandux jonqos u kulħadd ikun kburi tas-sehem li jkun ta f'dan ir-rigward.

Qabel ma nagħlaq nixtieq inħeġġeġ lill-membri kollha sabiex il-Każin tagħna nżommuh nadif sew fiżikament, sew spiritwalment u l-aħħar u mhux l-anqas politikament. Din l-indafa f'kull forma tagħha iżomm lill-membri tagħna magħqudin u ma titfa l-ebda dell ikrah fuq is-Soċjetà tagħna.

Fl-aħħarnett, iżda mhux l-anqas, inħoss li għandi d-dmir inħeġġeġ ħalli bħal fl-imgħoddi tagħtu sehemkom fit-tiżjin u fl-offerti kif ukoll tieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet sew interni kif ukoll esterni b'dinjità u qima li tistħoqqilha Ommna Marija Assunta.

**Joe Farrugia**
**President**

**IL-KUMITAT JIXTIEQ JIRRINGRAZZJA LIL KULL MIN B'XI MOD GĦEN SABIEX DAN IL-PROGRAMM JIĠI STAMPAT SPEĊJALMENT LIL DAWK LI GĦOĠOBHOM JIRREKLAMAW U L-QARREJJA NĦEĠĠUHOM JIXTRU L-PRODOTTI RREKLAMATI FIL-PROGRAMM.**

# FENECH PLANT HIRE LTD.



**Supplier of:**

Ready Mixed Concrete
and Franka Spalls
Crane Hire

**Contractor for:**

Excavation work
General Plant Contractor
GUDJA ROAD, GUDJA
TEL. 821931

# KRISTIANNE

*MATTIA PRETI SQR.,*

*ŻURRIEQ*

Stockists:

- **Household Goods**
- **Perfumes**
- **Cosmetics**
- **Baby Foods**
- **Everything for Mother-to-be and New Born, etc.**

**Tel: 827391**



# MESSAĠĠ MIS-SEGRETARJU

Reġa' wasal ix-xahar ta' Awissu li fih jibda jinħass il-ferħ u l-entużjasmu tas-Soċi u partitarji għaliex tkun waslet il-festa tant għażiża għalina l-Imqabbin, il-festa tal-Padruna tagħna Santa Marija.

Bl-għajnuna t'Alla għaddiet sena minn meta s-Soċjetà tagħna organizzat Festi li fakkru l-150 Anniversarju minn meta l-Istatwa Artistika u Devota ta' Santa Marija daħlet għall-ewwel darba fir-Raħal ta' l-Imqabba. Aħna nħossuna kburin li dawn il-Festi kienu suċċess, kif ukoll kien suċċess kbir il-Marċ ta' nhar il-Festa fil-għodu li għalih attendew numerużi l-partitarji fost briju u ferħ kbir.

Ħafna mix-xogħol ikun irid isir matul is-sena kollha u Alla ħares ma jkunx hemm min huwa dedikat biex jagħmel dan ix-xogħol u hawn b'sodisfazzjoni kbir ninnota li ħafna minn dawk li tant huma ħerqana biex jaħdmu huma żgħażagħ. Proprju għalhekk il-Festa li niċċelebraw ad Unur Santa Marija qiegħda tikber minn sena għal oħra.

M'huwiex biżżejjed li ta' kull sena tiġi mżanżna xi ħaġa ġdida, imma kultant ukoll ikun hemm bżonn li nduru dawra ma' l-opri li diġà għandna. U dak li bdejna nagħmlu. Wara li ġew restawrati l-pedestalli flimkien ma' l-istatwi ta' l-Appostli, din is-sena qed jiġi restawrat ukoll il-Pedestall il-Kbir li jfakkar l-Inkoronazzjoni tal-Madonna. Din l-opra sabiħa ser tkompli ssebbaħ il-pjazza fejn tiġi armata għall-Festa. Ta' dan nirringrazzja lil dawk l-individwi li għenu fix-xogħol kif ukoll lil dawk li kkontribwew finanzjarjament.

Ma nistax ukoll fl-istess ħin ma nurix l-apprezzament tiegħi lejn dawk kollha li b'xi mod huma mdaħħla fix-xogħol tan-nar li jaħdmu anke b'sagrifiċċju matul is-sena kollha sabiex tkun tista tkompli tikber il-Festa tagħna. Il-ħsibijiet tiegħi jmorru wkoll lejn dawk in-nisa li jieħdu ħsieb jiġbru l-flus u jorganizzaw attivitajiet kif ukoll dawk li jieħdu ħsieb l-armar u l-Banda b'mod speċjali li tkompli tkabbar il-Festa bil-marċi brijużi. Ħajr lid-Diretturi tal-Banda kif ukoll lill-bandisti kollha tal-lokal.

Għaldaqstant kulħadd għandu japprezza kemm xogħol ikun meħtieġ li jsir biex tkun tista' tiġi organizzata Festa hekk Kbira. Għalhekk biex ma jintilifx dan ix-xogħol kollu li jkun sar, nappella lil kulħadd sabiex matul il-ġranet taċ-ċelebrazzjoni tal-Festa b'mod speċjali waqt il-marċi li jsiru, filwaqt li nieħdu pjaċir u nifirħu b'dak kollu li jkollna, għandna noqogħdu attenti u ma nħallux l-entużjażmu jiġri bina u nġibu ruħna sewwa sabiex bl-għajnuna t'Alla u tal-Madonna jkollna Festa Kbira u Sabieħa kif tixraq lil Ommna Marija Santissma Mtellgħa s-Sema.

Nagħlaq dan il-Messaġġ tiegħi billi minn qalbi nirringrazzja lil dawk kollha speċjalment partitarji emigrati, li b'xi mod taw u qegħdin jagħtu l-għajnuna tagħhom biex bħas-snin l-imgħoddija l-Festa tagħna tkun veru suċċess kbir.

Il-Festa t-tajba lil Kulħadd.

VIVA SANTA MARIJA
VIVA S-SOĊJETÀ RE ĠORĠ V

**RENO SCIBERRAS**
**SEGRETARJU**

# The Edible Oil Refining Company Limited

AND ITS SUBSIDIARIES

## SUN CHEMICALS LTD.

Household and Industrial Detergents, Liquid Soaps, Toilet Soaps, Laundry Soaps, Deodorants, Anti-persperants, Shampoo, Disinfectants and Sodium Silicate Solutions.

## MARGARINE MANUFACTURING CO. LTD

Butter, Margarines, Cooking Fats, Cheese and Edible Fats.

PP
L

## POULTRY PRODUCTS LTD.

Day-old Broiler and Frozen Poultry, Frozen Fish and Frozen vegetables.

fiL

## FOOD INDUSTRIES LTD.

Manufacturers of Ice-Creams for Catering and Retail Outlets.

THE REFINERY, MGIERET ROAD, MARSA.

Cables: Oilrefine. Tel: 232113/4/5 - 232111 Postal Address: P.O. Box 539 Valletta - Malta.






Għaddiet sena oħra u l-Festa ta' l-Assunta reġgħet waslet. F'dan il-jum sabiħ ningħaqdu flimkien biex niċċelebraw kif jixraq fil-ferħ u fil-paċi l-Festa ta' Santa Marija l-Ġawhra ta' l-Imqabbin.

Wara li s-sena l-oħra għamilna festi kbar f'egħluq il-Mija u Ħamsin sena mill-Miġja ta' l-Istatwa Artistika ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba, hekk ukoll din is-sena, li ninsabu fis-sena Marjana, għamilna l-preparamenti tagħna biex il-Festa tkompli fit-triq tas-suċċess.

Tkompla x-xogħol fuq ir-restawr ta' l-armar u din is-sena kien imiss lill-Pedestall ta' l-Inkoronazzjoni li huwa wieħed mill-isbaħ li hawn fil-gżejjer Maltin. Hawn nixtieq nagħti ħajr lil dawk li stinkaw sabiex ix-xogħol jitlesta fil-ħin. Qiegħda titkompla l-ħjata fuq il-bandalori u nisperaw li għal din is-sena jkollna l-parti l-kbira minnhom lesti.

Naturalment dan ix-xogħol kollu sar u qiegħed isir bil-għajnuna u ġenerożità kbira min-naħa tal-partitarji li dejjem wieġbu għall-appell min-naħa tal-Kumitat. Hawn ta' min isemmi l-Kumitat Partitarji Nisa li jagħmlu ħafna xogħol siewi bħalma huwa ġbir ta' flus kull xahar u jieħdu ħsieb jorganizzaw attivitajiet bħal coffee mornings. Ħajr ħaqqhom id-dilettanti tan-nar li b'tant sagrifiċċju jaħdmu dak il-kwalità ta' nar, kif ukoll il-bandisti u dawk li jieħdu ħsiebhom li ta' kull ġimgħa s-sena kollha jiltaqgħu flimkien jippreparaw għall-festa.

Nagħlaq billi nappella lill-membri u partitarji biex niċċelebraw il-festa tagħna bil-kwiet u biex kulħadd iżomm l-ordni biex tassew ikollna Festa sabiħa ad Unur Ommna Marija. Fl-aħħarnett nixtieq nirringrazzja pubblikament lill-Benefatturi u lill-partitarji li ta' kull sena jagħtu l-offerti tagħhom biex jaraw il-Festa tat-Titular dejjem tikber.

Nawgura l-FESTA T-TAJBA lil kulħadd.

Viva Marija Assunta.

**Carmel Briffa**
**Kaxxier**

**Jekk għandek bżonn Insurance għall-Karozza, Dar, Ħanut, eċċ., jew jekk waslet biex tagħlaqlek l-INSURANCE li diġà għandek, tista' tħallasha għand:**

**JOE BELLIZZI**

"EL PARADISO"
MATTEOLA SALIBA STREET
ŻURRIEQ
TEL: 824519

(Bieb ma' bieb ma' Baldacchino Woodworks)






**BRADKAL** UNISEX **SALON**
*For Haircuts, Blowdrys, Perms, Tints*
146, Cospicua Road, Paola. Tel: 229103

**Roc~A~Go Crane Services**

**CRANE & LIFTING SPECIALISTS**
**24 HOUR TOWING & LIFTING SERVICE**
**USED COMMERCIAL VEHICLES & SPARES**
**CAR BREAKERS**

(Prop. V. MICALLEF) **Tel: 801362**

*TAL-BARRANI*
*ROAD, ZEJTUN.* 816172



# IS-SENA TA' MARIJA

Din is-sena l-festa ta' Marija, minn mijiet ta' snin meqjuma mill-Imqabbin, għandha għalina tifsira speċjali. Ftit ilu l-Papa Ġwann Pawlu II ħabbar Sena Marjana għall-Knisja Kattolika kollha. Aħbar bħal din żgur li tat pjaċir lil kull wieħed u waħda minna. Din is-sena dedikata lil Marija Omm Alla bdiet fis-7 ta' Ġunju, Għid il-Ħamsin, għax dak in-nhar il-Knisja tfakkar il-bidu tagħha bil-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli u l-ħbieb l-oħra ta' Ġesù: miġbura magħhom u fosthom kien hemm Marija Omm Ġesù hekk li bir-raġun kollu nsejħulha Omm il-Knisja.

Ilkoll nafu x'devozzjoni qawwija għandu l-Papa lejn Ommna Marija. M, l-ewwel ittra ta' isimha, insibuha fl-istess arma tal-Papa. Żar ħafna mis-santwarji dedikati lill-Verġni Mbierka. Min jaf jekk din is-Sena Marjana, li tispiċċa f'Santa Marija 1988, iġġibx il-Papa fil-gżejjer tagħna? Imma għalina, bħala Nsara veri, l-aqwa ħaġa hi li nilqgħu l-istedina tal-Papa billi f'din is-Sena Mqaddsa ta' Marija nkabbru iżjed fina l-qima li hi stess kellha lejn Alla hekk li dejjem baxxiet rasha għar-rieda tiegħu u saret l-omm għażiża ta' Ibnu l-waħdieni Ġesù Kristu Sidna. Min bħal Marija u daqsha jista' jwassalna għand binha Ġesù?

Fis-sena li ġejja, u matul ħajjitna kollha, nistgħu nagħmlu aktar progress billi nifhmu iżjed l-imħabba ta' Alla għalina, u allura nħobbuH iżjed ukoll u minħabba fiH inħobbu 'l ħutna kollha għax f'kull wieħed u waħda minnhom nilmħu x-xbieha tiegħU. Hekk Alla ħabbna fuq li ħabbna għax tana 'l Ibnu l-waħdieni li minn Marija Verġni sar bniedem bħalna f'kollox, barra mid-dnub, biex isaffina mid-dnub. Marija Omm Alla tista' tgħinna ħafna fil-mixja ta' ħajjitna lejn Alla.

Talba sempliċi u siewja li permezz ta' Marija nersqu lejn Alla hija r-reċita tar-Rużarju. Lilha u lilU nfaħħruhom bis-Sliema u bil-Missierna, bi kliem qaddis li nsibuh fil-Vanġelu! Nitgħallmu ma' Marija nifirħu magħha waqt li binha Ġesù jikber u jimtela bil-ħeġġa għal dak li hu ta' Missieru, nitnikktu ma' l-omm addollorata fil-passjoni u l-mewt li wasslu 'l binha fil-glorja tal-Missier li tana r-rigal ta' l-Ispirtu s-Santu. F'Marija nsibu l-faraġ għax tidħol għalina quddiem Alla, issa, kull mument, fis-siegħa tal-mewt tagħna, meta tistenniena ningħaqdu magħha u ma' Binha, fil-glorja li Alla hejja għal dawk li jħobbuh.

**J.M. Ghigo S.J.**
**Direttur Spiritwali**


**JOSEPH GRECH & SONS**

**TEL: 827860**

**(Frida Transport Service)**

u għal xogħol ta' għorik ta' madum

irrikorru:

**"FRIDA HOUSE"**

**42, St. Basil Street — Mqabba**



**RONNIE**
**AUTO DEALER**
**AUTO & SEA CRAFT**
**DEALER**

NAXXAR ROAD, LIJA
MDINA ROAD, ŻEBBUĠ
TEL: 640200

**BABY'S CHOICE**
DISPOSABLE
NAPPY LINERS

*Carabott Jewellers*

*FOR CRYSTALWARE*
*GOLD AND SILVER ITEMS*

DUN ĠUŻEPP ZAMMIT ST.,
ŻURRIEQ – MALTA
TEL: 680760

**JOE'S**

**PROFILE**

**ALUMINIUM**

3, Valletta Road,
Żurrieq.

Tel: 829601

# TIFKIRA TAL-FESTI LI FAKKRU L-150 SENA MILL-MIĠJA TA L-ISTATWA TA' SANTA MARIJA ĠEWWA L-IMQABBA



Il-ġurnata mistennija waslet. Kien nhar l-Erbgħa 30 ta' Lulju, 1986 meta l-Istatwa ta' Marija Assunta li kienet nieqsa mill-Imqabba għal ftit inqas minn sena, kellha terġa' tmidd riġilha fl-ixxurtjat raħal tagħna. Minn kmieni fil-għodu, l-atmosfera ta' ferħ kienet tinsab mar-raħal kollu fejn ġew imżejjna t-toroq minn fejn kellha tgħaddi l-Istatwa ta' l-Assunta.

Fil-ħamsa ta' wara nofs in-nhar, xi membri tal-Kumitat mseħbin minn ħafna partitarji tlaqna għall-Imdina. Malli wasalna r-Rabat dħalna l-Imdina bil-mixi fejn sibna lil Induratur Horace Farrugia jistenniena. Hemmhekk għamilna l-preparamenti sabiex l-Istatwa tinħareġ mill-ħanut ta' l-Imgħallem. Kienet biċċa xogħol diffiċli peress li l-bieb tal-ħanut kien baxx, iżda permezz ta' żewġ bsaten li ġew maħduma għal okkażjoni rnexxielna noħorġu l-Istatwa bi ftit diffikultà. Meta l-Madonna tpoġġiet fuq l-għatu tal-bradella kien kbir il-ferħ tal-partitarji, li flimkien mal-Monsinjuri tal-Katedral li nzertaw kienu hemm, setgħu jaraw il-biċċa xogħol kbira li kien wettaq is-Sur Horace Farrugia.

Minn hemmhekk ħriġna bil-mod mit-toroq ta' l-Imdina segwiti mill-partitarji ikantaw Innijiet lil Madonna. Meta l-Istatwa ta' l-Assunta feġġet fil-bieb ta' l-Imdina ġiet maħruqa l-musketterija u wara komplejna mexjin bl-Istatwa fuq l-ispallejn għal fuq is-Saqqajja. Wara li x-Xbiha Mqaddsa tpoġġiet fuq van, din ġiet mgħottija permez ta' liżar abjad.



**L-Istatwa quddiem il-ħanut ta' l-Induratur.**



**Ritratt storiku ta' l-Istatwa ta' Santa Marija barra l-bieb ta' l-Imdina nhar l-Erbgħa 30 ta' Lulju, 1986.**

Wara tlaqna bil-mod għal Imqabba segwiti minn numru kbir ta' karozzi u privates bil-partitarji. Għaddejna minn Ħaż-Żebbuġ, ġbidna għal Ħal-Qormi u wara għal Ħal-Luqa minn fejn bqajna sejrin dritt għal Imqabba. Meta wasalna għal ħabta tas-sebgħa u nofs ta' fil-għaxija sibna l-Banda tas-Soċjetà King George V, flimkien mal-Kleru tal-Parroċċa u folla kbira ta' nies jistennew bil-ħerqa l-wasla ta' l-Istatwa.

Hekk kif Horace Farrugia mgħejjun minn xi membri tal-Kumitat kixef l-Istatwa fost ċapċip li jtarrax minn dawk kollha li kienu nġabru hemmhekk, sar it-tberik solenni Tagħha. Xena li ma nistgħu ninsewha qatt. Flimkien mal-Kappillan tal-Parroċċa Dun Willie Vella, kienu preżenti Patri Joseph Ghigo S.J., Direttur Spiritwali tas-Soċjetà, Dun Karm Ghigo u Dun Nazzareno Tonna li wkoll ħadu sehem fit-tberik.

Wara li sar it-tberik, fost iċ-ċapċip u sparar tal-musketterija u kaxxa nfernali, l-Istatwa ta' Santa Marija merfugħa mill-partitarji bdiet miexja lejn il-Knisja Parrokkjali segwita mill-Banda King George V b'numru kbir ta' nisa u tfajliet, li ferħanin kienu qegħdin ikantaw Innijiet ta' tifħir lil Madonna. Meta l-Istatwa ta' Ommna Marija Assunta waslet fil-pjazza tar-raħal quddiem il-Każin tas-Soċjetà Re Ġorġ V indaqqet mota bil-kbir ta' nofs siegħa biex tfakkar din l-okkażjoni hekk importanti. Fl-aħħar għal ħabta tal-ħdax ta' bil-lejl l-Istatwa waslet fil-bieb tal-Knisja Parrokkjali u wara li ndaqqet l-Ave Maria l-Istatwa ta' l-Assunta tpoġġiet fuq il-bradella għal qima ta' l-Imqabbin.

Nhar is-Sibt 9 ta' Awissu tkomplew il-festi ad Unur Ommna Marija billi sar il-ħruġ ta' l-Istatwa ta' Santa Marija fuq iz-zuntier. Il-Banda tas-Soċjetà King George V laqgħet l-Istatwa bl-Ave Maria u Marċi brijużi u wara kompliet tferraħ it-toroq prinċipali tar-raħal bil-marċi. Hawn ta' min isemmi li kienu ħafna l-partitarji li attendew bi ħġarhom mal-briju tal-banda.

L-għada l-Ħadd 10 ta' Awissu assistejna għal kxif ta' rħama kommemorattiva. Fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija wasal il-Vigarju Ġenerali Mons. Carmelo Xuereb li ġie mil-



**Il-kxif ta' l-Istatwa.**



**Il-Banda King George V twassal lill-mistednin speċjali sal-Każin fl-okkażjoni tal-kxif tal-Lapida.**

qugħ mill-Banda bl-Innu Pontifiċju u ħames minuti wara assistejna għall-wasla tal-President tar-Repubblika, l-Eċċ. Tagħha s-Sinjorina Agatha Barbara li ntlaqgħet bl-Innu Malti. Wara l-Banda King George V wasslet lill-mistednin speċjali sal-Każin fejn sar diskors ta' l-okkażjoni kemm mill-President tas-Soċjetà s-Sur Joe Farrugia kif ukoll mill-Eċċ. Tagħha l-President tar-Repubblika. Wara l-Eċċ. Tagħha s-Sinjorina Agatha Barbara kixfet irħama li kienet tfakkar il-150 Aniversarju mill-miġja ta' l-Istatwa ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba. Din tbierket mill-Vigarju Ġenerali u wara assistejna għal riċeviment fis-Sala tal-Każin. Ġew ipprezentati rigali ta' tifkira lil President tar-Repubblika u lill-Vigarju kif ukoll lis-Sur Leonard Farrugia li barra li huwa l-aktar bandist anzjan jieħu ħsieb ukoll it-tagħlim tal-Mużika lil Allievi.





Il-President tar-Repubblika u l-President tas-Soċjetà waqt id-diskors ta' l-okkażjoni.



Il-kxif tal-Lapida kommemorattiva fl-okkażjoni tal-150 Anniversarju mill-miġja ta' l-Istatwa ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba.



**Is-Sur Leonard Farrugia l-aktar bandist anzjan tas-Soċjetà bir-rigali li ġie ippreżentat.**

It-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa saru marċi kbar mat-toroq kollha ta' l-Imqabba fejn barra l-Banda tas-Soċjetà King George V ħadet sehem ukoll il-Banda Maria Mater Gratiae ta' Ħaż-Żabbar. Il-Ħamis, lejliet il-Festa, fit-tmienja u nofs ta' filgħodu assistejna għal kant tat-Te Deum waqt li fis-sitta u nofs ta' filgħaxija saret it-Translazzjoni Solenni bir-Relikwija tal-Madonna. Peress li s-sena kienet Festa speċjali l-purċissjoni tat-Translazzjoni ħarġet mill-Kappella ta' San Basilju u wara kompliet għall-Knisja Parrokkjali. Ta' min isemmi li l-Fratelli tas-Sagrament attendew bi ħġarhom għal din l-okkażjoni. Filgħaxija l-Baned Unjoni ta' Ħal-Luqa u Queen Victoria taż-Żurrieq daqqew marċi brijużi mat-toroq tar-raħal.



**It-Translazzjoni fil-Kappella ta' San Basilju.**

L-għada l-Ġimgħa l-Għid ta' l-Assunta fid-disgħa ta' filgħodu l-Banda tas-Soċjetà King George V laqgħet il-Vigarju Ġenerali Mons. Carmelo Xuereb bl-Innu Pontificio f'tarf Valletta Road u wara kompliet twasslu bid-daqq tal-marċi sal-Knisja Parrokkjali fejn mexxa Konċelebrazzjoni solenni u Pontifikali. Fl-istess quddiesa l-Vigarju niseġ il-Paniġierku b'tifħir lill-Madonna. Fl-għaxra u nofs ta' filgħodu ngħata bidu għall-Marċ ta' filgħodu fejn il-Banda tas-Soċjetà fost briju kbir tal-partitarji ferħet it-toroq prinċipali tar-raħal b'sett ta' marċi brijużi. Fis-sitta ta' filgħaxija saru marċi mill-baned Unjoni u Queen Victoria u wara fis-sebgħa u nofs assistejna għall-ħruġ tal-purċissjoni bl-Istatwa Artistika ta' Santa Marija. Il-Banda Unjoni akkompanjat l-Istatwa d-dawra tal-purċissjoni. Meta l-Vara waslet ħdejn il-Każin il-Banda Queen Victoria daqqet l-Innu LIL MARIJA ASSUNTA kitba ta' Patri J.M. Ghigo S.J., u mużika tas-Surmast George Martin A.Mus. L.C.M., O.S.T.J. Kantaw it-Tenur Joe Huber L.R.S.M., u l-Baritonu Joe Fenech mal-kor tax-xebbiet ta' l-istess Soċjetà. Fl-għaxra u kwart assistejna għad-dħul ta' l-Istatwa fil-Knisja u meta tpoġġiet fuq il-Bradella, l-mużika taħt id-direzzjoni tas-Surmast il-W.R. Patri Salv Galea O.P., L.R.S.M. daqqet l-Antifona u fl-aħħar il-Barka Sagramentali.



**Il-Banda King George V twassal lil Vigarju Ġenerali għal quddiesa tal-Paniġierku.**

Nhar il-Ġimgħa 22 ta' Awissu, l-Ottava tal-Festa, fis-sitta u nofs ta' filgħaxija saret quddiesa Kantata Solenni, purċissjoni bir-Relikwija tal-Madonna li tmexxiet minn Patri J.M. Ghigo S.J., Te Deum u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Wara l-Banda tas-Soċjetà King George V għamlet programm fil-pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin. Hekk wasslu fi tmiem il-Festi kbar li saru ad unur Ommna Marija Assunta. Kienu Festi tassew kbar u sbieħ mifruxa fuq medda ta' tliet ġimgħat fejn il-Banda tas-Soċjetà ħadet sehem f'mhux inqas minn tmien okkażjonijiet. Festi ta' suċċess, ferħ u entużjażmu li żgur li baqgħu mnaqqxa fil-qlub ta' dawk kollha li kellhom ix-xorti jieħdu sehem fihom. Festi li permezz tagħhom il-poplu kollu ta' l-Imqabba wera lil kulħadd kemm verament jaf iħobb minn qalbu lill-Patruna tiegħu u tal-Gżejjer Maltin Santa Marija.

# ABELA BROS. GARAGE

DIESEL AND PETROL

MECHANIC

SPECIALISE ON

**FORD, MAZDA & TRANSIT**

***ABELA BROS GARAGE***

TRIQ IT-TIN

QORMI

TEL: 491579

# J.B. STORE

## TEXTILES & FENTS

**FOR THE BEST QUALITY TEXTILES FOR ALL OCCASIONS**

**OPENING HOURS:**

**MONDAY – FRIDAY:**

**8.00 a.m. – 12.00 noon**

**2.00 p.m. – 7.00 p.m.**

**SATURDAY**

**8.00 a.m. – 12.00 noon**

**RETAIL & WHOLESALE**

**L-IKLIN ROAD, LIJA**

**(NEAR CEMETERY)**

**TEL; 446918**

# COACH & HORSES PUB



# St. Paul's Bay

# Tel: 571795

# RESTAWR TAL-PEDESTALL TA' L-INKORONAZZJONI

Fil-ġranet tal-Festa ta' Santa Marija, fil-pjazza tal-Knisja, ħdejn il-Każin King George V, bosta nies li jiġu r-raħal tagħna għall-Festa ser jieqfu jammiraw il-Pedestall artistiku bl-istatwi fuqu li jirrappreżentaw l-Inkoronazzjoni tal-Madonna.

Dan għaliex din is-sena sar ix-xogħol ta' restawr fuq din l-opra hekk sabiħa u li jistħoqqilha titqiegħed f'ċentri aktar imsemmija u magħrufa. Ix-xogħol ta' restawr sar minn John Pace ta' Marsaxlokk li rnexxielu jagħti dehra ta' l-għaġeb lill-Pedestall u l-istatwi. Dan ix-xogħol ma kienx ikun possibbli li ma sarx ħafna xogħol ta' tiswija minn xi membri tal-Kumitat taħt it-tmexxija għaqlija ta' Joe Sciberras li ħadem kemm felaħ sabiex ix-xogħol jitlesta fil-ħin.

Barra mis-sbuħija tiegħu, dan il-Pedestall – li ġie imżanżan l-ewwel darba fil-Festa ta' Santa Marija ta' l-1923 – fih valuri oħra marbutin mat-tifkira ta' dawk li ħadmuh b'tant sagrifiċċji. Fosthom wieħed irid isemmi lil mibki Ġanni Ghigo, ex-President tas-Soċjetà tagħna, li megħjun mill-aħwa Innocenzo u Giuseppe Psaila, ħadem ix-xogħol ta' l-injam fuq disinn tas-Surmast Abram Gatt. L-iskultura abbondanti u fina tiegħu saret minn ċertu Piju mill-Kalkara. Illum dawn in-nies kollha ħallewna u aħna għandna x-xorti ngawdu xogħolhom.



IL-PEDESTALL TA' L-INKORONAZZJONI

L-istess ħaġa tingħad fuq Mastru Karm Mallia, minn Ħal Qormi, li ħadem dawk l-istatwi tal-kartapesta, mimlijin tant ħajja u naturalezza, fuq il-mudelli tal-famuż Darmanin. L-idea kollha ta' din l-opra oriġinat minn ċertu Baskal Gauci u seħħet bit-ħabrik ta' l-aħwa Lorenzo u Giovanni Zammit li ħadu ħsieb ukoll li jsibu benefatturi għall-ispejjeż tiegħu.

Dak iż-żmien l-istatwi ta' l-Inkoronazzjoni qamu Lm20, l-istatwi tan-nisa, figuri mill-Antik Testment tal-Madonna, qamu Lm10; u l-iskultura tiegħu kollha qamet Lm20. Il-flus kienu nġabru bis-sold ta' kull nhar ta' Ħadd mill-familji.

Din il-biċċa armar imponenti inħadmet kollha fil-Każin l-antik li dak iż-żmien kien bieb ma' bieb ma' dak li għandna issa. Wieħed jistagħġeb kif, barra mis-sagrifiċċji personali ta' dawk li ħadmuh wara ġurnata xogħol, dawn in-nies kellhom ħila, li, f'post hekk żgħir, iwaqqfuh u jġibuh hekk tal-qies f'kollox.

L-aħħar li kien ġie restawrat dan il-Pedestall kien fis-sena 1967 għoxrin sena ilu. Ix-xogħol kien sar minn membri ta' l-istess Każin fil-maħżen tal-Kappella ta' San Bażilju fejn din is-sena sar parti mix-xogħol tiegħu.

## D. FARRUGIA

**Crane Hire**

**for all kinds**

**of work**

"Chamonix"

Plot 36, Mqabba by Pass,

Mqabba.

Tel: 683228

## DRAGON FORGE

**Joseph Aquilina**

Designer & Decorator – Iron Works
98, Crafts Village, Ta' Qali, Tel: 440160

**Manufacturers of:**

- All types of Iron Works
- Sheet Metal Works
- Wrought Iron Furniture
- Catering Equipment
- Art Metal in Brass, Copper and Metal
- All kinds of Hand Made Souvenirs
- Airconditioning Works
- Stainless Steel




Best Craftsmanship – Quick Service

# MQABBA MARBLES LTD.

KITCHEN TOPS – FLOORING – SKIRTING – TABLE TOPS
STAIRS – FACADES – SHOP FRONTS, etc.

WE ARE MALTA'S ONLY FACTORY WITH THE MACHINERY AND EXPERTISE TO POLISH OUR OWN **GRANITE**
OUR **GRANITE** IS IMPORTED FROM ALL OVER THE WORLD UNPOLISHED.
THEREBY **SAVING 65% DUTY**. WHICH WE PASS ON TO YOU!

**LARGE SELECTION OF COLOURS**

***See also our wide selection of imported marble at MALTA'S KEENEST PRICES***

**PHONE: 820202 or 826188**
**MONDAY to FRIDAY: 8 a.m - 4.30 p.m.**

FACTORY AND OFFICE :
VALLETTA ROAD, MQABBA, MALTA.

# JULIO & CHARLIE SACCO

**QRENDI ROAD, MQABBA**
Tel: 683129
JAWGURAW

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD

U JFAKKRU LI HUMA JAGĦMLU

**Xogħol fl-Injam ta' Kwalità Għolja**
**PREZZIJIET MODERATI**

# INSELLMU LIL ĦUTNA L-EMIGRANTI



Nazzareno Baldacchino jagħmel l-aħħar irtokki fuq l-Istatwa ta' l-Assunta fid-dar tiegħu ġewwa Victoria.

Ta' kull sena fil-ġranet tal-Festa ġewwa l-Imqabba jiġu jżuruna xi emigranti li jkunu ħallew ir-raħal tagħna żmien twil ilu, iżda xorta waħda jibqgħu jiftakru fil-festa ta' Santa Marija.

Is-sena li għaddiet, meta s-Soċjetà tagħna organizzat Festi speċjali li fakkru l-150 Anniversarju mill-miġja ta' l-Istatwa Artistika ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba, kienu diversi l-emigranti li ġew iżuruna. Ħafna minnhom kienu ilhom is-snin ma jaraw u jgawdu l-Festa tat-Titular.

Fost l-emigranti li żaruna s-sena l-oħra kien hemm l-aħwa Nazzareno u Teddy Baldacchino. Dawn jinsabu jgħixu ġewwa Melbourne l-Awstralja fejn irnexxielhom jingħaqdu ma emigranti oħra minn diversi bliet u rħula ta' Malta u Għawdex u bdew jiċċelebraw il-Festa ta' Marija Assunta ġewwa Victoria.

Insibu li Teddy Baldacchino kien wieħed minn dawk li ħabrek sabiex jiġi ffurmat Kumitat biex jagħmel il-Festa ta' Santa Marija Assunta ġewwa Victoria. Fil-fatt Teddy huwa l-President ta' l-Għaqda "ST. MARY THE ASSUMPTION SOCIETY INC., ġewwa Victoria Melbourne. Ħuh, Nazzareno, fil-ħin liberu tiegħu irnexxielu jaħdem Statwa ta' l-Assunta li ġiet imżanżna fl-1985. Din l-Istatwa hija tal-kartapesta u ħadimha fuq il-mudell ta' Santa Marija ta' l-Imqabba.

L-emigranti Maltin u Għawdxin jiċċelebraw l-Festa ta' Santa Marija ġewwa Victoria fix-xahar ta' Novembru. Fil-ġurnata tal-Festa dawn jingħaqdu flimkien ġol-Knisja ta' St. Martin De Porres f'Laverton u jaqsmu l-ferħ tal-Festa flimkien.

Il-Kumitat tas-Soċjetà tagħna jixtieq jifraħ lill-Kumitat ta' St. Mary The Assumption Inc. ta' Victoria, Melbourne u jawguralhom Festa sabiħa ad unur Ommna Marija Mtella' s-Sema. Barra minn hekk il-Kumitat tagħna jixtieq jirringrazzja lil Emigranti kollha Mqabbin li ta' kull sena jibgħatu kontribuzzjonijiet għall-Festa tat-Titular u l-Padruna ta' l-Imqabbin: SANTA MARIJA.

## Xalata kbira l-għada tal-Festa

Navżaw li min irid jiġi x-xalata fis-16 t'Awissu javviċina lil xi ħadd tal-Kumitat.
Tluq minn ħdejn il-Knisja fis-1.30 pm.

mangion brothers żurrieq LTD.



BUILDING CONSTRUCTION,
CONCRETE MIX & CRANE HIRE
Valletta Road, 15, Mill Street, Żurrieq. Tel. 829590

## MALLIA PETROL STATION

PJAZZA SAN NIKOLA, SIĠĠIEWI
DIAL: 605504

Għal kull bżonn fil-karozza tiegħek, asal wasla sa' għand **Mallia Petrol Station** fil-Pjazza tas-Siġġiewi fejn issib kull ħaġa li tinħtieġ għall-karozza tiegħek, u issa jixtiequ jħabbru li għandhom batteriji ta' barra għall-karozzi kollha li jibdew bi prezzijiet ta' Lm18.50.
Kif ukoll:

- Silencers għal karozzi kollha
- Crash Helmets kbar u żgħar
- Kull kwalità ta' żjut
- Tyres ġodda ta' kwalunkwe daqs
- Għodod
- Tiswija ta' Tyres fil-pront b'apparat modern
- Aċċessorji u spare parts ta' kull kwalità tajba
- Għandek issib ukoll muturi u karozzi għal bejgħ.



**L-Istatwa tal-B.V. Marija Assunta fuq il-Każin.**

